MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 745/2011

**FXB Ltd**

**Vs**

**Alan Magro**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Settembru, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf tlett mija u hdax-il ewro (€1,311) liema somma tirraprezenta prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li gie debitament notifikat il-konvenut pprezenta risposta tieghu fil-21 ta' Novembru, 2011 li avolja kienet tardiva din ir-risposta wara li nghatat raguni valida ghat-tardivita giet accettata. Fir-risposta l-konvenut eccepixxa illi t-talba hija nfondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt

stante illi hemm diversi bicciet tal-ghamara li gew kkonsenjati li ghandhom diversi nuqqasijiet.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Is-socjeta’ attrici pproduciet lil Patrick Spiteri bhala xhud li xehed fil-25 ta’ Novembru, 2011 fejn spjega illi huwa Sales Manager tas-socjeta’ attrici pero ma kienx iddilja mal-konvenut huwa stess. Spjega wkoll ghaliex is-socjeta attrici qed titlob l-ammont ta’ elf tlett mija u hdax-ewro (€1,311) li jirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut fuq kamra tas-sodda li xtara l-konvenut minghand is-socjeta’ attrici. L-ammont globali kien ta’ elfejn seba mija u hamsa u sittin ewro (€2,765) li minnhom il-konvenut hallas elf ewro (€1,000) bhala depozit u erbgha mija u erbgha u hamsin ewro (€454) kienu voucher minghand l-istess socjeta’ attrici liema voucher jinsab a fol 24 tal-process.

Bhala procedura l-bilanc li jkun fadal jithallas mad-delivery u installazjoni pero l-konvenut kien cempel u qal lis-sales representative illi kien ser jigi jhallas il-bilance fil-hanut. Pero baqa’ ma marx u x-xhud beda jcempel lill-konvenut personalment. L-ewwel spjegazzjoni tal-konvenut kienet li kien diga hallas l-ammont globali u intalaba sabiex jipproduci r-ricevuti. Dan baqa ma ghamlux. Imbaghad skuza ohra kienet li ssepara minn mal-mara tieghu u talab illi s-socjeta attrici tavvicina li martu ghal hlas. Minkejja li fuq l-order jidher biss isem il-konvenut ix-xhud xorta pprova jcempel fuq in-numru li tah il-konvenut sabiex ikellem lil mara pero sab illi dan huwa numru li ma jintuzax.

Il-konvenut minkejja li nghata zmien ampju sabiex iressaq il-provi tieghu baqa inadempjenti milli jaghmel dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema x-xhieda u ra d-dokumenti li gew esibiti mis-socjeta attrici.

Wara li ra li l-konvenut bl-ebda mod ma kkontradixxa jew gab provi sabiex ixejjen il-verzjoni tas-socjeta attrici jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tlett mija u hdax-il

ewro (€1,311). Bl-imghax legali ikun dekorribli mid-data tal-prezenata tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------